MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 133/2012

**Ivan Abela**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ivan Abela tas-17 ta' Awwissu 2012 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-31 ta' Lulju 2012 fejn cahdet l-appell ta' Ivan Abela;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet illi l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:-

B'applikazzjoni tat-2 ta' Frar 1998, Full Development Permission, PA 0513/98, l-appellant ippropona li fil-fond, Tulip Garage, No. 3, Triq l-Etna, Mellieha:-

"raising of height of garage, fixing of sign and change of use to confectionery''.

L-applikazzjoni giet milqugha bil-permess tad-19 ta' Gunju 1998. Fost il-kundizzjonijiet imposti fil-permess kien hemm dik numru 7 li tghid hekk:-

"no preparation and manufacture of pastries shall be carried out on site''.

Kif irrizulta mix-xhieda tal-appellant (xehed fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2011) hu u huh marru l-MEPA biex jaraw x'jista' jsir biex jirrangaw 'xi haga dwar din il-kundizzjoni' – biex jorganizzaw ruhhom biex jaghmlu 'manufacturing' fuq is-sit. Arthur Abela qalilhom li billi x-xoghol kien gestit minn tnejn u xi kultant tlett persuni biss, l-attivita' tidhol fil-kategorija ta' 'light industry'.

Mistoqsi in kontra-ezami jekk saritx xi 'request' bil-miktub, irrisponda "le, dik l-ittra harget dak il-hin stess u nghatat lilna f'idejna dak il-hin stess.''

L-imsemmija ittra ta' Arthur Abela tas-17 ta' Settembru 1998 infurmat lill-appellant u lil huh Marvin Abela, dwar il-proposta taghhom "to include the manufacturing and sale of frozen and raw pre-packed confectionery itmes (by retail and whole sale) li l-ebda permess mhu mehtieg billi l-proposta ma tinvolvi l-ebda tibdil mill-uzu awtorizzat bil-permess PA 513/98.

L-appellant ikkonferma li "meta kellna l-ittra ta' Arthur Abela f'idejna mbaghad konna morna t-Trade''.

Kopja tal-licenzja tal-Pulizija tinsab fil-file PA 513/98 mmarkata bhala Dok B – annessa mal-kopji tal-Atti tal-mandat ta' inibizzjoni 511/08 fl-ismijiet "Ivan Abela ID

139269(m) vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar’’.

Dan il-madat gie milqugh provizorjament fid-9 ta’ April 2008 u michud definittivament mill-Qorti.

L-appellant f’dan il-mandat kien talab li l-Awtorita’ tigi mizmuma milli tohrog Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq kontrih.

Il-licenzja tal-Pulizija telenka l-istallazzjonijiet li setghu jsiru fil-fond, fosthom fran (convection oven blower), freezers, fryer, ravjoli machine, sfogliatrice, 2 dough kneaders, mixers etc. Red 21C.

B’ittra tat-8 ta’ Mejju 2008, il-Perit Christopher Borg, Director of Planning, informa lil Ivan Abela li l-ittra tas-17 ta’ Settembru 1998 kienet qed tigi rtirata b’effett immedjat billi l-izvilupp propost jirrikjedi permess, billi jinvolvi tibdil minn dak originarjament awtorizzat.

Fl-appell tieghu, l-Avukat Dr. Massimo Vella ghall-appellant issottometta:-

1. Ir-revoka tad-decizjoni datata 17 ta’ Settembru 1998 permess tal-imsemmija ittra datat 8 ta’ Mejju 2008 hija rtirata u nulla stante li hija ‘ultra vires’ il-poteri tal-Awtorita’;
2. Ir-revoka tad-decizjoni datata 17 ta’ Settembru 1998 permezz tal-imsemmija ittra datata 8 ta’ Mejju 2008 hija ukoll irrita u nulla stante li tikser drittijiet kwiziti tal-klijent tieghu.
L-appellant ghalhekk talab it-thassir tal-imsemmija decizjoni kontenuta fl-ittra datata 8 ta’ Mejju 2008.

Fir-risposta tieghu, l-Avukat Dr. Anthony De Gaetano ghall-Awtorita’ irrileva:-

1. L-ittra tat-8 ta’ Mejju 2008 hi korretta billi skond l-kundizzjoni numru 7 tal-permess tad-19 ta’ Gunju 1998 “no preparation and manufacture of pastries shall be carried out on site’’; Dan ifisser li l-fond seta’ jintuza’ biex

minnu jinbieghu ‘confectioneries’ izda mhux li jigu preparati fis-sit fejn ma seta’ jsir l-ebda tisjir.
2. L-ittra tas-17 ta’ Settembru 1998 li biha l-appellant gie infurmat li ma kienx hemm bzonn ta’ applikazzjoni ta’ ‘change of use’ ghall-manufattura u bejgh ta’ ‘frozen’ and ‘raw pre-packed confectionery’ meta diga’ kien hemm permess ghall-confectionery, ma twaqqax il-kundizzjoni specifika numru 7 fil-permess cioe’ li ma setghax isir tisjir fuq is-sit.
L-ittra kontestata tat-8 ta’ Mejju 2008 hi konferma ta’ dan l-istat legali u ma hemm xejn null u rritu.
3. L-appell ghandu ghalhekk jigi michud billi ghalkemm hemm permess ta’ confectionery – dan jeskludi l-manufattura taghhom fuq il-post; fejn ma jistax isir tisjir.

L-Avukat Dr. Massimo Vella ghall-appellant, fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu, prezentata fit-12 ta’ Gunju 2012, irrileva s-segwenti:-

1. L-ittra tas-17 ta’ Settembru 1998 harget fuq letterhead tal-Awtorita’ u tammonta ghal decizjoni fuq kwistjoni ta’ kontroll ta’ ippjanar. L-Awtorita’ ma setghetx thassar din id-decizjoni b’semplici ittra. Il-procedura biex l-Awtorita’ tmur lura fuq id-decizjonijiet taghha dahlet fl-2001 permezz tal-Artikolu 39A tal-Kap. 356. L-ittra in kwistjoni harget fl-1998 – ghalhekk l-Awtorita’ ma kellha l-ebda mezz biex tirtira l-ittra tal-1998. Anke jekk tali procedura kienet applikabbli, din ma gietx segwita u ghalhekk l-procedura adoperata mill-Awtorita’ kienet illegali u ‘ultra vires’.

Skond l-imsemmi Artikolu 39A, il-persuna interessata tigi nfurmata bid-data tal-laqgha u tinghata l-opportunita’ taghmel il-kas taghha.

Billi din il-procedura ma gietx segwita, l-istess ittra ghadha vigenti u ghalhekk mhi qed issir l-ebda irregolarita’;

2. L-ittra tas-17 ta’ Settembru 1998 holqot dritt kwizit favur l-appellant.

Dritt kwizit l-anqas jista’ jitnehha bil-ligi, ‘multo magis’ ma jistax jitnehha b’semplici ittra.

F’dan il-kuntest, saret referenza ghas-sentenza “Chev. Antonio Cassar Torregiani nomine vs Nutar Dr. Vincenzo Gatt noe’ Appell Civili 12 ta’ Mejju 1950 Vol. XXXIV.1 .148.

L-ezistenza tad-dritt kwizit, teskludi l-irregolarita’ u ghalhekk l-enforcement notice ghandu jigi revokat.

Fir-risposta tieghu tat-22 ta’ Gunju 2012, l-Avukat Dr. Anthony De Gaetano ghall-Awtorita’ ssottometta s-segwenti:-

1. In-nota tal-appellant tat-12 ta’ Gunju 2012 ghandha tigi sfilzata billi fis-17 ta’ Jannar 2012 l-appellant inghata tlett xhur; cioe’ sas-17 ta’ April 2012; l-Awtorita’ nghatat l-istess terminu ghar-risposta cioe’ sas-17 ta’ Lulju 2012. Billi n-nota giet prezentata f’Gunju, l-Awtorita’ ma setghetx tibbenefika mit-terminu lilha moghti ghal prezentata tar-risposta.

2. Fil-mertu, hu ammess li kienet qed issir kontravenzjoni tal-imsemmija kundizzjoni numru 7 – jibqa’ biss l-kwistjoni jekk l-kundizzjoni gietx b’xi mod revokata.

L-ittra tal-Perit Chris Borg ma kienitx appellabbli billi din kienet biss korrispondenza u mhux permess u ghalhekk mhux applikabbli ghal kas l-Artikolu 39A tal-Kap. 356 li jitratta fuq rtirar ta’ permess.

Id-disgwid nqala’ bl-ittra ta’ Arthur Abela tas-17 ta’ Settembru 1998 li ta’ ‘parir’ lill-appellanti li seta’ jmur kontra l-kundizzjoni 7 tal-permess.

Jekk dan l-ufficjal agixxa b’mod negligenti, l-appellant ghandu r-rimedji adegwati disponibbli ghalih; izda dan ma jfissirx li nholqot procedura gdida kif wiehed jakkwista permess billi jekk impjegati tal-Awtorita’ b’semplici korrispondenza ikollhom dik is-setgha, jigi stultifikat l-

process kollu. Tali korrispondenza ma tistax tkun l-istrument biex permessi jigu michuda jew b'xi mod varjati.

Il-konsulent legali tal-Awtorita', wara li kkonferma li ttiehdu proceduri kriminali kontra l-imsemmi impjegat dwar irregolaritajiet li allegatament saru minnu, iddikjara li l-Avviz ghandu jibqa' fis-sehh, billi kundizzjoni fil-permess, ma tista' qatt tigi revokata b'semplici korrispondenza ta' ufficjal tal-Awtorita'; u li l-ittra tal-Perit Chris Borg tat-8 ta' Mejju 2008, kontestata mill-appellant kienet legittima billi kkorreggiet korrispondenza precedenti ta' Arthur Abela li bi zball informa lill-appellant li seta' jmur kontra kundizzjoni imposta fil-permess.

Ikkunsidra ulterjorament:-

Ironikament hemm similarita' fil-kontestazzjonijiet kontrastanti tal-partijiet fis-sens li filwaqt li l-appellant jikkontendi li l-ittra tal-Awtorita' tat-8 ta' Mejju 2008 hi rrita u nulla billi hija 'ultra vires', il-poteri tal-Awtorita'; mill-banda l-ohra l-Awtorita' tikkontendi li l-ittra tas-17 ta' Settembru 1998 ma tammontax ghall-decizjoni tal-Awtorita' kif jippretendi l-appellant billi ma saret l-ebda talba formali mill-appellant biex jigi emendat il-permess PA 513/98 la permezz ta' applikazzjoni u lanqas permezz ta' DNO application.

Skond l-appellant l-ittra tas-17 ta' Settembru 1998, ta' Arthur Abela fuq letterhead tal-istess Awtorita' tinkorpora decizjoni tal-Awtorita' cioe' li ma kienx mehtieg permess iehor "to include the manufacturing and sale of frozen and raw pre-packed confectionery items (by retail and wholesale) oltre l-permess PA 513/98 billi dak propost ma jinvolvix tibdiliet mill-uzu originarjament awtorizzat. Skond l-Awtorita', ghalkemm l-istess ittra tghid "in accordance with Article 3 of the Order'', irrizulta mill-provi li ma saritx talba permezz ta' DNO (Development Notification Order) application.

L-appellant f'dan il-kuntest, ikkonferma in kontro-ezami (ara xhieda tieghu moghtija fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2011) li ma saret l-ebda talba bil-miktub u li l-ittra

mssemmija nghatat dakinhar stess, li saret t-talba, verbalment, fis-17 ta’ Settembru 1998.

L-istess Arthur Abela li xehed fis-seduta tas-6 ta’ Marzu 2009, iddikjara “jiena nista’ nikkonferma illi bl-ittra tieghi ta’ Settembru 1998, ridt infisser li bil-permess li kellhom ghall-attivita’ li kienu qed isemmu huma u cioe’ 513/98, huma kienu koperti.’’

F’bnadi ohra ta’ xhieda tieghu jghid “jiena nifhem illi f’dan il-kas, dan il-hanut kellu jbiegh oggetti mhux misjurin.’’ Dwar l-imsemmija ittra iddikjara “irrid nghid illi din mhijiex decizjoni zida hija konferma ta’ interpretazzjoni.’’

Stabbilit u accertat l-fatt li l-ittra ta’ Arthur Abela tas-17 ta’ Settembru 1998 ma kienitx decizjoni wara applikazzjoni, izda interpretazzjoni fil-kuntest ta’ permess ezistenti, tqum spontanja d-domanda ‘setghet l-Awtorita’ bl-ittra sussegwenti tat-8 ta’ Mejju 2008 tiddikjara li tali interpretazzjoni ma kienetx korretta?’

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha, jidher li r-risposta ghandha tkun fl-affermattiv; principalment ghar-ragunijiet segwenti:-

1. L-appellant jippremetti li ttiehdet decizjoni bl-imsemmija ittra tas-17 ta’ Settembru 1998; illum ‘ex admissis’ irrizulta li ma ttiehdet l-ebda decizjoni u l-ittra kienet biss ‘interpretazzjoni’ ta’ permess gia ezistenti.
2. L-appellant jallega li l-Awtorita’ m’ghandhiex il-‘vires’ biex tirrevoka d-decizjoni. Billi rrizulta li mhux il-kas ta’ decizjoni, izda ta’ interpretazzjoni; u billi lill-Awtorita’ irrizultalha li din l-interpretazzjoni ma kienitx korretta, l-Awtorita’ kellha kull dritt li ticcara il-posizzjoni taghha, una volta irrizultalha li tali interpretazzjoni ma kienitx korretta.
3. L-appellant, fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu, ghamel referenza ghall-Artikolu 39A tal-Kap. 356 li gie introdott bl-Att XXI tal-2001. Dan l-Artikolu jawtorizza lill-Awtorita’ tirrevoka jew timmodifika permess kemm-il darba jirrizulta li kien hemm l-frodi fl-ghoti tal-permess jew li jkun kontra s-sahha pubblika jew li jkun inghata bi zball (error on the face of the record). Skond l-appellant dan l-Artikolu ma

setghax japplika ghall-ittra tas-17 ta' Settembru 1998 billi dahal fis-sehh fl-2001 u anke kieku kellu jigi applikat, l-appellant kellu jigi nfurmat bil-laqgha fejn ittiehed tali decizjoni biex jekk irid jiddefendi l-posizzjoni tieghu.
Fil-kas in ezami, billi l-ittra imsemmija tas-17 ta' Settembru 1998, ma kienitx decizjoni jew permess, izda interpretazzjoni partikolari jekk kienx mehtieg permess iehor ta' 'change of use' apparti dak ezistenti PA 513/98, l-Artikolu 39A tal-Kap. 356 citat mill-appellant m'ghandu l-ebda rilevanza ghall-kas.

4. Id-Dritt kwizit
L-appellant, bl-ghoti tal-permess PA 513/98 tad-19 ta' Gunju 1998 certament ghandu drittijiet kwiziti, skond l-awtorizzazzjonijiet lilu moghtija bl-imsemmi permess.
Dan il-permess, pero', kellu kundizzjonijiet fosthom dik numru 7 li ma setax isir tisjir fl-istess fond ("no preparation and manufacture of pastries shall be carried out on site'')
L-ittra tas-17 ta' Settembru 1998 minn banda ikkonfermat il-kundizzjoni fil-permess li jistax isir tisjir fil-fond; mill-banda l-ohra fejn fil-permess il-preparazzjoni u manufattura tal-pasti fil-post kienet prekluza; skond l-istess ittra, il-preparazzjoni u manufattura ta' frozen u raw pre-packed confectionery fuq il-post gie interpretat li dan ma jikkostitwix divergenza mill-permess. Dan pero' hu veru biss kemm-il darba il-preparazzjoni ta' dawn l-items ma tirrikjedix tisjir. Fi kwalunkwe kas, il-kundizzjoni fil-permess originali kienet tivvjeta l-preparazzjoni u manufattura fuq il-post u ma saret l-ebda kwalifika jekk dawn jirrikjedux tisjir.
Kien ghal din ir-raguni li l-Awtorita' bl-ittra taghha tat-8 ta' Marzu 2008 ccarat il-posizzjoni fis-sens li tali attivita' ta' preparazzjoni u manufattura fuq il-post, ma kienitx awtorizzata bil-permess u ghalhekk ghall-tali uzu kienet necessarja, applikazzjoni ta' 'change of use'; cioe' biex issir preparazzjoni u manufattura fil-post, ta' confectionery items li ma jirrikjedux tisjir u jinbieghu 'raw' jew 'frozen'.

5. Fil-mertu, ma jistax ma jigix rilevat u dan mhux kontestat li fil-fond qed isir xoghol ta' tisjir ta' pasti u s-sit hu attrezzat bil-makkinarju necessarju, inklus fran biex l-

items ta' confectionery jinhadmu fil-post mill-bidu sal-ahhar; cioe' qed issir tisjir u hami ta' pasti fil-fond.
Din l-attivita' hi in kontravenzjoni tal-kundizzjoni numru 7 tal-permess; u lanqas ma giet awtorizzata bl-imsemmija ittra tas-17 ta' Settembru 1998 – kif konfermat mix-xhieda ta' Arthur Abela stess, li xehed fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2009.
Fic-cirkostanzi ghalhekk billi l-ittra tas-17 ta' Settembru 1998 ma kienetx decizjoni izda interpretazzjoni, l-Awtorita' kellha kull dritt li ticcara l-posizzjoni, kif ghamlet bl-ittra tat-8 ta' Mejju 2008, una volta irrizultalha li tali interpretazzjoni ma kienetx korretta; u billi l-ittra kienet interpretazzjoni u mhux 'decizjoni' mhux il-kas li wiehed jilmenta minn lezjoni ta' drittijiet kwiziti kif allegat mill-appellant.

It-Tribunal ghalhekk qed jiddisponi minn dan l-appell billi jichad l-istess u jiddikjara li l-Awtorita' kellha d-dritt li tirtira l-ittra tas-17 ta' Settembru 1998, kif effettivament ghamlet bl-ittra tat-8 ta' Mejju 2008, li tali ittra mhix 'ultra vires' il-poteri tal-Awtorita', u li fic-cirkostanzi ma jistax jinghad li gew lezi xi drittijiet kwisiti tal-appellant, kif minnu allegat.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:
1. Illi t-Tribunal inkorra zball ta' ligi meta qies l-ittra tas-17 ta' Settembru 1998 mahruga min rapprezentant tal-Awtorita bhala intepretazzjoni ta' permess u mhux decizjoni amministrativa;
2. Konsegwentement l-Awtorita ma kellhiex dritt tirrevokaha.

Dawn l-aggravji ser jigu trattati flimkien fl-isfond tal-fatti accertatl. Il-fatti fil-qosor huma dawn. L-appellant kellu permess bin-numru 513/1998 li kien jikkonsisti 'f'raising of height of garage, fixing of sign and change of use to confectionery'. Dan il-permess hareg fid-19 ta' Gunju 1998 b'kondizzjoni specifika 'no preparation and manufacture of pastries shall be carried out on site'.

Jirrizulta illi saret talba, ghalkemm ma hemmx prova li kienet bil-miktub, jekk il-permess kienx jippermetti l-preparation and manufacture of frozen and raw prepacked confectionery u fis-17 ta' Settembru 1998 inharget ittra mill-Awtorita fejn gie dikjarat li din il-proposta ma kinitx tinvolvi tibdil mill-permess originali u ghalhekk ma kienx hemm bzonn li ssir applikazzjoni ghal dan l-uzu propost u dan ai termini tal-artikolu 3. Ma jissemmix ghal liema legislazzjoni jirreferi l-artikolu 3 pero hu pacifiku illi r-referenza qeghda ghal artikolu 3 tal-Avviz Legali 137 tal-1997.

Dan l-Avviz Legali jaghti permess ta' zvilupp awtomatiku ghal klassijiet ta' zvilupp limitat kif jirrizulta mill-iskeda tal-Avviz Legali bil-limitazzjonijiet u eccezzjonijiet jew kondizzjonijiet imsemmija fl-istess skeda.

L-ittra ma tikkontjeni ebda taghrif dwar liema parti tal-iskeda kienet taqa' l-proposta u kwindi l-applikazzjoni legittima tal-Avviz Legali tal-kaz. Pero din mhix il-kwistjoni quddiem din il-Qorti.

Lanqas ma hi kwistjoni quddiem din il-Qorti l-effett li seta' kellha din l-ittra, hemm jekk applikabbli jew le ai termini tal-Avviz Legali, fuq il-permess originali. Dan il-permess ghadu ezistenti u l-Avviz Legali nnifsu fl-artikolu 3(3) ighid esplicitament li ebda haga kontenuta fl-Avviz Legali ma jippermetti zvilupp li jmur kontra xi kundizzjoni jew limitazzjoni espressament imposta minn xi permess ta' zvilupp moghti.

Dawn huma kwistjonijiet relevanti u interessanti pero din il-Qorti ser titwarrab minnhom billi mhux l-iskop u fil-parametru tal-appell.

Maghdud dan, l-aggravju tal-appellant jisthoqqu jintlaqa'. Il-Qorti ma taqbilx mat-Tribunal illi l-ittra tas-17 ta' Settembru 1998 kienet biss interpretazzjoni ta' permess ezistenti u illi ma saret ebda applikazzjoni jew DNO application qabel inharget l-ittra. L-Avviz Legali 137 tal-1997 ma jirrikjedi ebda forma ta' talba. Kull ma jghid hu illi ma hemmx bzonn ta' permess ghal certu zviluppi elenkati

fl-iskEdi mal-Avviz Legali. Hu minnu illi l-ittra soggett ghal skrutinju tal-Qorti mhix permess u anqas tibdil f'permess jew kondizzjoni ta' permess ezistenti, izda hi dikjarazzjoni amministrattiva maghmula ghal talba li ma tistax titregga lura bla konsegwenzi ta' xejn u qisu qatt ma saret u dan aktar u aktar meta ghaddew ghaxar snin mindu saret.

Kif inghad din il-Qorti mhix qed tissindaka la l-permess ezistenti u anqas jekk l-appellant, nonostante din id-dikjarazzjoni setghax jagixxi qisu ghandu xi addenda ta' permess ezistenti. Dawk huma kwistjonijiet li johorgu l-barra mill-iskop ta' dan l-appell u l-vertenza kif impostata. Pero d-dikjarazzjoni f'isem l-Awtorita titfa' konsegwenzi, kemm jekk l-appellant akkwistax jedd o meno in forza ta' din id-dikjarazzjoni.

L-Awtorita ghandha kull jedd targomenta dwar il-portata u interpretazzjoni tad-dikjarazzjoni pero la darba saret, qeghda hemm u kull parti involuta trid terfa' l-piz taghha. F'dan is-sens id-decizjoni tal-Awtorita li din l-ittra kienet biss interpretazzjoni ta' permess ezistenti mhix fondata fid-dritt. Lanqas hi fondata fil-fatt billi l-applikant ma talabx interpretazzjoni izda ai termini tal-istess ittra, din kienet talba immirata biex l-Awtorita tidderigi lit-titolar ta' permess dwar uzu ulterjuri ta' fond gia munit b'permess. L-Awtorita ghazlet li tiehu decizjoni b'applikazzjoni ta' Avviz Legali 137/97 in vigore ghal talba specifika, kemm jekk din it-talba saret bil-fomm jew bil-miktub.

Ma jfissirx kif inghad li l-appellant akkwista xi dritt b'din l-ittra u anqas li l-Awtorita ghandha idejha marbuta biha. Pero l-Awtorita ma tistax wara li tkun hadet decizjoni amministrativa kif inhi din, tintesa bla ebda jedd fondat fil-ligi. In-natura tad-dikjarazzjoni fl-ittra in kwistjoni ma taqax la fil-parametru tal-poteri tal-Awtorita, taht l-artikolu 40 tal-Kap. 356 dwar revoka ta' permess billi dan kien abrogat u anqas ma japplika l-artikolu 39A li ssucieda l-artikolu 40 tal-istess Kapitolu liema artikolu skond din il-Qorti zgur ma hux applikabbli billi dahal in vigore fl-2002 wara l-att kompjut bl-ittra tas-17 ta' Settembru 1998, u dan bil-caveat li l-applikazzjoni tal-artikolu 39A tirreferi biss ghal effetti ta' din l-ittra cioe dikjarazzjoni amministrativa fil-

konfront ta’ talba dwar permess gia ezistenti ghal uzu ulterjuri naxxenti mill-istess permess u mhux ghal permess innifsu.

Il-Qorti taqbel mal-appellant illi la darba saret dikjarazzjoni amministrativa li hi forma ta’ decizjoni amministrativa l-Awtorita ma kellha ebda jedd tirtiraha salv drittijiet ohra spettanti lil Awtorita naxxenti mill-permess ezistenti u l-uzu li qed isir mill-fond in virtu ta’ tali permess. It-Tribunal kellu jieqaf hemm u ma jinoltrax ruhu fi kwistjonijiet dwar it-tifsira ezatta tal-permess u dik li kienet tinkorpora l-ittra tas-17 ta’ Settembru 1998. Dan ma kienx l-iskop tal-appell, li kien limitat biss ghal validita tar-revoka b’ittra tal-Awtorita datata 8 ta’ Mejju 2008 ghal dak kontenut fl-ittra tal-Awtorita tas-17 ta’ Settembru 1998.

Dan biss kien l-iskop tal-appell u sa hemm biss messu waqaf it-Tribunal.

**Decide**

Ghalhekk ghar-ragunijiet kollha moghtija, din il-Qorti qed tilqa’ l-appell ta’ Ivan Abela u tiddeciedi illi r-revoka tad-decizjoni amministrativa mehuda b’ittra tas-17 ta’ Settembru 1998 ma setghetx tigi revokata unilateralment b’semplici ittra tal-istess Awtorita pero fl-istess hin din il-Qorti mhix qed tiddikjara li dik l-ittra cioe tas-17 ta’ Settembru 1998 tat xi drittijiet lill-appellant oltre dak fil-permess 513/1998. L-ispejjez jithallsu mill-Awtorita.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------